MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tal-21 ta' Frar, 2013

Numru. 430/2012

**SPETTUR JOSRIC MIFSUD**
**VS**
**LAWRENCE CAMILLERI**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Lawrence Camilleri ta' 34 sena, bin Joseph u Josephine nee' Darmanin, mwieled Pieta' nhar is- 16 ta' Mejju 1977, residenti fil- fond Josephine, Triq il- Kitienn, Zabbar u detentur tal- Karta tal- Identita' bin- numru 294377M

Talli nhar l- 24 ta' April 2012, bejn l- 16.30 u 16.45, gewwa Triq Alley 2m Pjazza Vitorja, Naxxar;

1. attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b' hebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna inkarigata skont il- ligi minn servizz pubbliku, cioe' Dr Adriana Vella LL.d fil- waqt li kienet tagixxi ghall-

esekuzzjoni tal- ligi jew ta' ordni moghti skont il- ligi mill-awtorita' kompetenti;

2. talli bla ordni skont il- ligi tal- awtorita' kompetenti, u barra mill- kazijiet li fihom il- ligi taghti s-setgha li jarresta lill- hati, arresta, zamm jew issekwestra lil xi persuna, u cioe' lil Dr Adriana Vella LL.D, Frangisku Spiteri u Paul Sammut kontra l- volonta' taghhom, mizmuma jew issekwstrata, ihallas dejn, jew jesegwi xi obbligazzjoni, hedded bil- mewt tkun li tkun, jew b' xi mod iehor, kontra l- ligi, jindahal fi hwejjeg haddiehor;

3. fl- istess data, hin u cirkostanzi bl- imgieba tieghu ikkaguna f' Dr Adriana Vella LL.D, Frangisku Spiteri u Paul Sammut biza' li ser tintuza vjolenza kontrihom jew kontra l- propjeta' taghhom jew kontra l- persuna meta kien jaf jew missu kien jaf li l- imgieba tieghu se tikkaguna lil Dr Adriana Vella LL.D, Frangisku Spiteri u Paul Sammut;

4. aktar talli fl- istess post, data u hin kiser il- bon ordni u paci pubblika b' ghajjat u storbju kif ukoll dagha u kliem fahxi;

5. aktar talli rrenda ruhu recediv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta, wara li gie misjub hati b' diversi sentenzi moghtija mill- Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;
Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju ta' provi difiza f'dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skont il-ligi;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l- Artikoli 96, 85, 86, 87(c), 251B, 338(ee), 339(1)(e), 382A, 383, 384, 385, 386, 412C, 17, 28H, 30,31,49,50,532A,532B u 533 tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

Fuq ammissjoni din il- Qorti ssib lill- imputat hati u ghaldaqstant tordna hrug ta' Ordni ta' Probation ghal tlett (3) snin ai terminu tal- Artikolu 7 tal- Kap 446 tal- Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------